# Mistoqsija u Tweġiba

## dwar Malta u l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Nru. 8

mic
MALTA-EU
INFORMATION CENTRE

## MISTOQSIJA U TWEĠIBA DWAR MALTA U L-UNJONI EWROPEA

Ktejjeb ta' informazzjoni miġbur miċ-Ċentru ta'Informazzjoni Malta-UE bl-aktar mistoqsijiet komuni li jsiru dwar Malta u l-Unjoni Ewropea. Dan it-tagħrif jista' jkun riprodott kemm-il darba jingħata għarfien lil dan is-sors.

**Ħarġa Numru 8**

Agrikoltura - l-għaqdiet tal-produtturi

Miktub: Mejju 2002

© Ċentru ta'Informazzjoni Malta-UE

**F'dan il-ktejjeb tista' ssib tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet:**

1. Xi tkun għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .4
2. Imma la għandna diġà l-koperattivi, x'inhu l-iskop li jitwaqqfu dawn l-għaqdiet tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . . . . . . .4
3. Jiġifieri l-għaqda tal-produtturi tkun qisha l-koperattiva li għandna llum? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .4
4. L-għaqdiet tal-produtturi huma għall-bdiewa li jkabbru l-ħxejjex u l-frott biss? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .5
5. Imma għaqda tal-produtturi tista'ssir għal kull tip ta'ħxejjex u frott? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .5
6. Meta se nkun naf b'dawn il-listi u min se jgħini biex inwaqqaf għaqda tal-produtturi ma' produtturi oħra sħabi? . . . . . . . . . . . . .5
7. Meta se nkun naf b'dawn il-kundizzjonijiet? . . . . . . . . . . . . . . . . .6
8. F'dawn l-għaqdiet jidħlu biss dawk il-bdiewa jew sajjieda li huma *full-time*? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .6
9. Il-Gvern se jtina flus biex inkunu nistgħu nwaqqfu għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .6
10. Allura dan ifisser li jekk bidwi li jkabbar it-tadam jew il-ħawħ, u jkun imsieħeb f'din l-għaqda, irid bilfors jgħaddi l-prodott kollu tiegħu lill-għaqda? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .7
11. Jekk jien inkabbar diversi prodotti li għalihom jista' jkun hemm għaqda tal-produtturi, jien nista'nkun membru fihom kollha? . . .7
12. Biex tkun membru f'għaqda tal-produtturi, trid tkun taħdem ir-raba', trabbi l-bhejjem jew tistad fl-istess inħawi bħall-membri l-oħra fl-għaqda? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .8
13. Meta ngħid li nkun membru ta'għaqda tal-produtturi jkun fisser li rrid noħroġ xi flus minn buti jew inħallas miΩata biss? . . . . . . .8

14. Dawn l-għaqdiet tal-produtturi jridu jitwaqqfu għax Malta dieħla fl-Unjoni Ewropea? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .9
15. X'saħħa għandhom dawn l-għaqdiet tal-bdiewa? . . . . . . . . . . . .9
16. Allura dan ifisser li jekk il-Gvern Malti jirrikonoxxi l-għaqda tal-produtturi f'Malta din tkun rikonoxxuta barra minn Malta wkoll? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .9
17. X'responsabbiltà jkollhom dawn l-għaqdiet tal-produtturi? . . . .10
18. Veru li bl-għaqda tal-produtturi, l-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu jindaħlulna x'niΩirgħu fpajjiΩna? . . . . . . . . . . . . . . . . . . .10
19. L-Unjoni Ewropea toffri flus bħala għajnuna għal dawn l-għaqdiet? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .11
20. Kif tgħin finanzjarjament l-Unjoni Ewropea? . . . . . . . . . . . . . . . .11
21. X'jiġifieri, l-UE tagħti flus f'kaΩ li prodott ikun irtirat mis-swieq? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .11
22. Dan se jsir f'Malta wkoll? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .12
23. Allura kif taħdem is-sistema? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .12
24. Imma jekk il-limitu li jkun għamel id-Direttur fil-bidu tas-sena ma jkunx se jrendi kumpens tajjeb għall-bidwi x'jiġri? . . . . . . . . . .13
25. Il-Gvern kif jagħti l-flus lill-għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . .13
26. Min jiffissa kemm għandu jkun il-kumpens għall-bidwi għall-prodott irtirat mis-suq? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .13
27. Jekk id-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd ma japprovax li jingħata kumpens għal xi prodott li jkun irtirat mis-suq, x'tagħmel l-għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .14
28. X'jiġri mill-prodotti rtirati mis-suq? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .14
29. X'jiġri jekk mhux il-produtturi kollha li jkabbru l-prodotti konċernati jidħlu fl-għaqda li titwaqqaf? . . . . . . . . . . . . . . . . . . .14

30. Jiġifieri jekk ma nkunx membru ta' għaqda tal-produtturi ma nieħux kumpens jekk ma jħallunix il-bdiewa membri tal-għaqda? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .15
31. Jiġifieri fi kliem ieħor aħjar inkun f'għaqda? . . . . . . . . . . . . . . . .15
32. Allura dan ifisser li issa jkolli ngħaddi l-prodotti tiegħi mill-pitkalija? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .16
33. Fil-pitkalija se jdaħħlu sistema ta' *grading* għall-kwalità tal-ħxejjex u l-frott? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .16
34. Se jkun hemm xi ħadd li jiċċekkja kif tkun qed taħdem għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .17
35. Din is-sistema se tgħodd ukoll għall-kumpens li l-Gvern se jagħti għat-tneħħija tal-*levies*? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .17
36. Jistgħu l-bdiewa fl-għaqda tagħhom idaħħlu proċessuri jew bejjiegħa ta' l-istess prodott? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .18
37. Barra kumpens biex ikun irtirat prodott mis-suq, il-Gvern se jagħti għajnuna oħra lill-għaqda tal-produtturi? . . . . . . . . . . . . .18
38. Kif tingħata din l-għajnuna? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .19
39. Minn fejn nista' nikseb aktar tagħrif? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .19

## Kif ikunu klassifikati l-prodotti

40. Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-prodotti kollha, fosthom ħxejjex u frott, iridu jkunu ta'ċerta kwalità kif titlob l-UE? . . . . .19
41. Il-bottijiet, vaΩetti u boroΩ li jkollhom ħxejjex jew frott ippakkjat, kif iridu jkunu jaqblu ma' dak li titlob l-Unjoni Ewropea? . . . . .20
42. Min jiċċekkja li jinΩammu l-livelli ta'kwalità? . . . . . . . . . . . . . .21
43. Ir-regolamenti dwar il-kwalità jgħoddu biss għall-prodotti f'pajjiΩi ta'l-Unjoni Ewropea? . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .21

## 1 Xi tkun għaqda tal-produtturi?

Għaqda tal-produtturi hija għaqda li jiffurmaw bejniethom il-bdiewa li jkabbru ċerti prodotti. Per eΩempju, bdiewa li jkabbru t-tadam jistgħu jiffurmaw għaqda bejniethom.

L-istess jistgħu jagħmlu bdiewa li jkabbru l-ħawħ. Jistgħu wkoll jitwaqqfu għaqdiet li jikkonċernaw setturi sħaħ, per eΩempju tal-ħxejjex, tal-frott u oħrajn.

## 2 Imma la għandna diġà l-koperattivi, x’inhu l-iskop li jitwaqqfu dawn l-għaqdiet tal-produtturi?

L-iskop ta' dawn l-għaqdiet huwa biex il-membri jtejbu l-kwalità tal-prodott, jikkontrollaw il-produzzjoni, inaqqsu l-ispejjeΩ u jistabbilizzaw kemm jista' jkun il-prezzijiet tal-prodotti li għalihom l-għaqdiet ikunu ġew rikonoxxuti. Għan ieħor huwa li t-teknika ta' produzzjoni titjieb f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħarsien ta' l-ambjent, kwalità tal-ħamrija u riΩorsi ta' l-ilma.

Koperattiva tista' titlob li tkun rikonoxxuta bħala għaqda tal-produtturi.

## 3 Jiġifieri l-għaqda tal-produtturi tkun qisha l-koperattiva li għandna llum?

Iva. Imma flok ikun hemm għaqda waħda għall-bdiewa kollha, kif inhi l-koperattiva bħalissa, il-bdiewa jistgħu jiffurmaw għaqdiet differenti skond il-prodotti li jkabbru.

## 4 L-għaqdiet tal-produtturi huma għall-bdiewa li jkabbru l-ħxejjex u l-frott biss?

Le. Għaqda tal-produtturi jistgħu jwaqqfuha mhux biss bdiewa tal-ħxejjex jew tal-frott imma wkoll raħħala li jrabbu l-annimali u anki sajjieda.

## 5 Imma għaqda tal-produtturi tista' ssir għal kull tip ta' ħxejjex u frott?

Il-Ministru tal-Biedja u Sajd għandu joħroġ lista ta' kategoriji ta' prodotti li għalihom il-produtturi jistgħu jingħaqdu u jiffurmaw għaqda tal-produtturi.

## 6 Meta se nkun naf b'dawn il-listi u min se jgħini biex inwaqqaf għaqda tal-produtturi ma' produtturi oħra sħabi?

Il-Gvern Malti għadda liġi li saret apposta dwar l-għaqdiet tal-produtturi. Skond din il-liġi, il-Ministru tal-Biedja u Sajd għandu joħroġ regolamenti li fihom jgħid kemm għandu jkun l-inqas numru ta' bdiewa jew raħħala biex jiffurmaw għaqda tal-produtturi. Il-Ministru għandu wkoll jgħid kemm għandu jkun l-inqas volum tal-prodotti li kull għaqda tista' tipproduċi biex tkun rikonoxxuta mill-gvern bħala għaqda tal-produtturi. L-istess għandu jagħmel għas-sajjieda, jiġifieri għandu jgħid kemm għandu jkun l-inqas għadd ta' sajjieda li jistgħu jiffurmaw għaqda bejniethom u kemm għandu jkun l-inqas ammont ta' ħut li jrid jinqabad biex jiffurmaw din l-għaqda.

## 7 Meta se nkun naf b'dawn il-kundizzjonijiet?

Bħalissa qed jithejjew ir-regolamenti dwar dan u jkunu ppubblikati kemm jista' jkun malajr.

## 8 F'dawn l-għaqdiet jidħlu biss dawk il-bdiewa jew sajjieda li huma full-time?

Le. L-għaqda tal-produtturi hija miftuħa kemm għal dawk *full-time* u kemm għal dawk li jaħdmu *part-time*. Jista' jkun hemm għaqdiet li jkollhom biss membri li jaħdmu r-raba' jew jistadu wara l-ħin tax-xogħol normali tagħhom.

## 9 Il-Gvern se jtina flus biex inkunu nistgħu nwaqqfu għaqda tal-produtturi?

Iva. Il-Gvern Malti alloka somma flus biex tgħaddi direttament għand il-bdiewa, raħħala jew sajjieda biex tgħinhom fit-twaqqif ta' għaqdiet tal-produtturi.



## 10 Allura dan ifisser li jekk bidwi li jkabbar it-tadam jew il-ħawħ, u jkun imsieħeb f'din l-għaqda, irid bilfors jgħaddi l-prodott kollu tiegħu lill-għaqda?

Le. Il-bidwi jista'jbiegħ ammont minn dak li jipproduċi lill-konsumaturi għall-bΩonn personali tagħhom. Il-bqija jrid jgħaddih lill-għaqda tal-produtturi. L-istess jgħodd għas-sajjieda. Is-sajjied jista' jbiegħ direttament lill-konsumatur ammont mill-ħut li jkun qabad, u l-bqija jgħaddih lill-għaqda tal-produtturi li tagħha jkun membru.

## 11 Jekk jien inkabbar diversi prodotti li għalihom jista' jkun hemm għaqda tal-produtturi, jien nista' nkun membru fihom kollha?

Iva. Jekk per eΩempju inti tkabbar it-tadam u għandek ukoll id-dwieli, inti tista' tkun membru ta' għaqda tal-produtturi tat-tadam u ta' għaqda oħra ta' min ikabbar l-għeneb. L-istess jgħodd għas-sajjieda. Jekk ikun hemm għaqda għal dawk li jaqbdu l-lampuki u oħra għal dawk li jaqbdu l-pixxispad, is-sajjied li jaqbad iΩ-Ωewġ tipi ta' ħut jista' jkun membru taΩ-Ωewġ għaqdiet.

## 12 Biex tkun membru f'għaqda tal-produtturi, trid tkun taħdem ir-raba', trabbi l-bhejjem jew tistad fl-istess inħawi bħall-membri l-oħra fl-għaqda?

Le mhux bilfors. Per eΩempju għaqda tal-produtturi tista' tkun magħmula minn bdiewa li jaħdmu r-raba' imma jkabbru l-istess prodott fi nħawi differenti f'Malta jew Għawdex. Għaqda tista' tkun magħmula wkoll minn bdiewa li jkollhom ir-raba' tagħhom fuq l-istess xaqliba ta' art. Per eΩempju l-bdiewa Għawdxin li jkabbru t-tadam jistgħu jingħaqdu f'għaqda tal-prodotturi għalihom. Il-bdiewa tal-Pwales, jew ta' Burmarrad jew ta' l-Imtaħleb u l-Imġarr, jew ta' ĦaΩ-Żabbaŗ iΩ-Żejtun u Wied il-Għajn jistgħu jingħaqdu fi tliet għaqdiet separati għal prodotti l-istess jew differenti.

## 13 Meta ngħid li nkun membru ta' għaqda tal-produtturi jkun ifisser li rrid noħroġ xi flus minn buti jew inħallas miΩata biss?

Iva. Inti bħala bidwi jkollok sehem dirett fit-tmexxija tal-għaqda. Parti mill-fondi tal-għaqda jkunu minn butek u minn but il-bdiewa l-oħra membri. Il-Gvern jagħmel tajjeb għall-kumplament tal-fond finanzjarju tal-għaqda.



## 14 Dawn l-għaqdiet tal-produtturi jridu jitwaqqfu għax Malta dieħla fl-Unjoni Ewropea?

Mhux bilfors. IΩda l-UE sabet li l-aħjar mezz biex il-bidwi u s-sajjied jingħataw prezzijiet tajba għal xogħolhom huwa billi jkunu organiz-zati f'għaqdiet Ωgħar skond il-prodott li jkabbru fil-kaΩ tal-bidwi, jew jaqbdu fil-kaΩ tas-sajjied. B'hekk huwa meħtieġ li jitwaqqfu l-istess tip ta' għaqdiet f'kull pajjiΩ ta' l-UE. Dan jiΩgura wkoll li ċerti miΩur bħall-fondi u għajnuniet oħra jittieħdu bl-istess mod.

## 15 X'saħħa għandhom dawn l-għaqdiet tal-bdiewa?

Kull pajjiΩ ta' l-UE jirrikonoxxi għaqdiet bħal dawn tal-produtturi bis-saħħa tal-liġi. Kif diġà ngħad aktar 'il fuq, il-Gvern Malti hejja liġi li tagħti saħħa lil dawn l-għaqdiet u li jkunu rikonoxxuti mill-istat. B'din il-liġi l-għaqdiet tal-bdiewa u sajjieda se jkollhom sehem importanti fil-mod kif il-prodott jitkabbar, jinqata', kif ikun ippakkjat u mibjugħ lill-konsumatur, kemm f'Malta kif ukoll barra.

## 16 Allura dan ifisser li jekk il-Gvern Malti jirrikonoxxi l-għaqda tal-produtturi f'Malta din tkun rikonoxxuta barra minn Malta wkoll?

Iva. Meta għaqda tkun rikonoxxuta mill-Gvern Malti, l-istess għaqda tkun ukoll rikonoxxuta mill-bqija tal-pajjiΩi membri ta' l-Unjoni Ewropea. Għalhekk kien hemm bΩonn liġi f'Malta li tirregola lil dawn l-għaqdiet ħalli dawn ikunu l-istess bħall-għaqdiet tal-bdiewa li hemm f'pajjiΩi oħra ta'l-Unjoni Ewropea.

## 17 X'responsabbiltà jkollhom dawn l-għaqdiet tal-produtturi?

Ir-responsabbiltà ta' dawn l-għaqdiet tal-produtturi tkun waħda serja. Tant li jekk ma jimxux skond ir-regolamenti li hemm fil-liġi, jistgħu jeħlu pieni ta' multi. Dan isir biex l-għaqdiet jieħdu xogħolhom bis-serjetà għax wara kollox huma qegħdin hemm biex iħarsu kemm l-interessi tal-bdiewa u kemm l-interessi tal-konsumaturi. Parti mir-responsabbiltà tagħhom hija li jamministraw il-flus pubbliċi u li jieħdu ħsieb li l-prodotti tagħhom huma ta' kwalità.

## 18 Veru li bl-għaqda tal-produtturi, l-Unjoni Ewropea se jkunu jistgħu jindaħlulna x'niΩirgħu f'pajjiΩna?

Le. Mhux veru xejn. Anzi bil-kontra. Hija l-għaqda tal-produtturi li tiffissa hija stess kif għandha ssir il-produzzjoni ta'prodott. U mhux kulħadd jiΩra'addoċċ u kemm irid u mbagħad meta jmorru l-pitkali-ja jsibu li tant ikun hemm abbundanza tal-prodott li l-prezz jaqa' ħafna u l-prodott jintrema'bix-xejn. L-għaqda tal-produtturi xogħlha jkun li torganizza lill-bdiewa bejniethom ħalli dawn jaqilgħu għixien

diċenti u ma jħallux aktar li ħaddieħor jaqla' l-flus minn fuq daharhom.

## 19 L-Unjoni Ewropea toffri flus bħala għajnuna għal dawn l-għaqdiet?

Iva. L-Unjoni Ewropea toffri flus bħala appoġġ għal dawn l-għaqdiet, iΩda dan japplika biss għal numru ta'prodotti approvati mill-istess Unjoni. Jistgħu jkunu ffurmati wkoll għaqdiet tal-produtturi għal ħxejjex, frott u prodotti oħra li m'humiex approvati, iΩda għal dawn l-Unjoni Ewropea ma toffrix għajnuna finanzjarja.

## 20 Kif tgħin finanzjarjament l-Unjoni Ewropea?

Normalment l-Unjoni Ewropea toffri għajnuna finanzjarja li tista' tintuΩa għal proġetti li jgħinu biex titjieb it-teknika tal-produzzjoni tal-bidwi jew sajjied. F'xi kaΩi l-flus ta' l-UE jgħinu wkoll biex jagħmlu tajjeb lill-bidwi f'kaΩ li prodott ikun irtirat mis-swieq. L-Unjoni Ewropea tgħin ukoll finanzjarjament dawk il-proġetti mressqa mill-bdiewa li jagħtu kas il-ħarsien ta' l-ambjent. L-għajnuna finanzjarja tingħata lill-għaqdiet tal-produtturi li jkopru prodotti approvati.



**AGRIKOLTURA** l-għaqdiet tal-produtturi

## 21 X'jiġifieri, l-UE tagħti flus f'kaΩ li prodott ikun irtirat mis-swieq?

L-Unjoni Ewropea għandha sistema li biha, jekk ikun hemm staġun li fih prodott tal-biedja jkun abbundanti, allura tagħti l-flus lill-bidwi biex dan jirtira parti mill-prodott li jkun hemm fis-suq biex il-prezz jibqa' stabbli. L-UE tagħti wkoll flus lill-bidwi biex jaħΩen prodott irtirat fil-friΩa, fejn dan ikun possibbli. Imbagħad, meta l-prodott jiskarsa, il-bidwi jkun jista' joħroġ il-prodott mill-friΩa u jbiegħu.

## 22 Dan se jsir f'Malta wkoll?

Iva. Fil-liġi dwar l-għaqdiet tal-produtturi, il-Gvern Malti spjega kif din is-sistema se taħdem anki f'Malta wkoll. Ladarba Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea l-flus għal din l-iskema jinġiebu mill-UE.

## 23 Allura kif taħdem is-sistema?

L-ewwelnett l-għaqda tal-produtturi trid tfassal programm li fih tis-pjega kif maΩ-Ωmien se taħdem bix ittejjeb il-bejgħ, il-kwalità tal-prodott li tkabbar u l-amb-jent, bħal per eΩempju kif tnaqqas l-uΩu tal-pestiċidi. Dan il-programm irid ikun approvat mid-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd.



It-tieninett, l-għaqda jkollha

fond ta' flus magħmul parti minnu mill-kontribuzzjonijiet tal-produtturi membri fl-għaqda u l-parti l-oħra jkunu flus tal-Gvern jew ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn il-flus jintuΩaw biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeΩ li jkollha l-għaqda kif ukoll biex ikunu rtirati l-prodotti mis-suq biex il-prezz ma jaqax.

L-għaqda tal-produtturi tista' tirtira dak il-prodott skond limiti li jiffissa d-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd fil-bidu tas-sena biex il-prezz jibqa' wieħed diċenti u mhux jaqa' baxx ħafna. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li bihom jiffissa xi kundizzjonijiet dwar l-irtirar tal-prodotti mis-suq u x'għandu jsir mill-prodotti rtirati mis-suq.

## 24 Imma jekk il-limitu li jkun għamel id-Direttur fil-bidu tas-sena ma jkunx se jrendi kumpens tajjeb għall-bidwi x'jiġri?

Il-ligi taħseb ukoll għal din il-possibilità. Il-liġi tgħid li d-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd jista'jawtorizza li jkunu rtirati aktar prodotti mill-ammont li huwa jkun iffissa fil-bidu tas-sena. B'dan il-mod, ikun jista' jsir il-ħlas tal-kumpens għall-prodotti li jkunu ġew irtirati, anki jekk l-ammont tagħhom jaqbeΩ il-limitu li jkun sar fil-bidu tas-sena.

## 25 Il-Gvern kif jagħti l-flus lill-għaqda tal-produtturi?

L-għaqda tal-produtturi trid tikteb lid-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd u tgħidlu kemm għandha bΩonn flus biex tmexxi.

## 26 Min jiffissa kemm għandu jkun il-kumpens għall-bidwi għall-prodott irtirat mis-suq?

Huwa l-Ministru tal-Biedja u Sajd li jgħid permezz ta' regolamenti apposta, kemm mill-flus li jingħataw lill-għaqda għandhom imorru għall-kumpens biex ikunu rtirati prodotti mis-suq. Huwa wkoll il-Ministru li jgħid kemm għandu jingħata kumpens għal kull prodott irtirat.

## 27 Jekk id-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd ma japprovax li jingħata kumpens għal xi prodott li jkun irtirat mis-suq, x'tagħmel l-għaqda tal-produtturi?

Se jkun hemm Bord ta' l-Appell biex l-għaqda tal-produtturi tkun tista' tressaq l-ilmenti tagħha. Dan il-Bord se jkun magħmul mill-Awditur Ġenerali jew rappreΩentant tiegħu, Ωewġ persuni nominati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u Ωewġ membri li jkunu jifhmu fl-għaqdiet tal-produtturi u li jkunu nominati mill-President tar-Repubblika bil-parir tal-Ministru tal-Biedja u Sajd.

## 28 X'jiġri mill-prodotti irtirati mis-suq?

Il-liġi taħseb ukoll għal dan. Id-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd jista' jordna li dawk il-prodotti rtirati mis-suq jingħataw għal skopijiet oħra u l-bidwi xorta jieħu l-kumpens għalihom. Il-liġi ssemmi erba'

għaΩliet ta’ fejn imorru l-prodotti Ω-Ωejda: jitqassmu b’xejn lill-għaqdiet tal-karità; jew jingħataw b’xejn ukoll lill-ħabs, lill-isptarijiet jew djar għall-anzjani; jintuΩaw għal skopijiet oħra barra ta’l-ikel; jew jintuΩaw bħala għalf għall-bhejjem.

## 29 X’jiġri jekk mhux il-produtturi kollha li jkabbru l-prodotti konċernati jidħlu fl-għaqda li titwaqqaf?

Bidwi jew sajjied jista’ma jidħolx membru ta’għaqda tal-produtturi. Imma mbagħad ma jistax fl-istess ħin jistenna l-istess trattament għall-kumpens daqskemm jingħata bidwi li jkun membru. Il-liġi tgħid għaqda tal-produtturi tista’ tippermetti bidwi li mhux membru tagħha, jirtira prodott mis-suq. Imma dak il-bidwi jitħalla jirtira biss ċertu ammont (li għad irid ikun iffissat) tal-prodotti li jkollu fis-suq. Il-kumpens li jingħata jkun imnaqqas b'mhux aktar minn 10 fil-mija tal-kumpens li jieħdu l-bdiewa membri fl-għaqda tal-produtturi.

## 30 Jiġifieri jekk ma nkunx membru ta’ għaqda tal-produtturi ma nieħux kumpens jekk ma jħallunix il-bdiewa membri tal-għaqda?

Iva. Jekk inti m’intix membru ta’ għaqda tal-produtturi, inti ma tingħatax kumpens biex tirtira l-prodott tiegħek jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-għaqda involuta. Jekk tmur għand l-għaqda u

tapplika biex tħallik tirtira parti mill-prodott tiegħek u tieħu kumpens, l-għaqda tħallik biss tirtira sa perċentwali ffissat tal-prodotti li jkollok fis-suq u tingħata kumpens imnaqqas b'mhux aktar minn 10 fil-mija tal-kumpens li jieħdu l-bdiewa membri.

## 31 Jiġifieri fi kliem ieħor aħjar inkun f'għaqda?

X'inhu l-aħjar għalik hija deċiΩjoni tiegħek. Inti trid tara x'jaqbillek. L-għaqda tal-produtturi se jkollha ċerta saħħa bil-liġi. L-għaqda se jkollha s-saħħa li ġġib il-flus mill-Gvern u mill-Unjoni Ewropea biex tgħin lill-membri tagħha. Sintendi, min ikun fl-għaqda jrid jimxi mar-regolamenti u mhux bidwi meta jidhirlu jbiegħ il-prodott tiegħu permezz tal-għaqda u meta jidhirlu jbiegħu band'oħra. Dan ma jis-tax isir f'għaqda tal-produtturi. Fl-għaqda, jekk hemm ftehim irid jinΩamm mill-membri kollha u mhux kulħadd jagħmel li jrid. Inkella l-bdiewa membri jkunu qed itellfu u jagħmlu ħsara lil xulxin. Min-naħa l-oħra, il-liġi tippermetti lill-produttur biex parti mill-prodott tiegħu jbiegħu lil min irid, mingħajr ma joqgħod jgħid lill-għaqda. Imma l-bqija tal-prodott irid jgħaddih mill-għaqda. Jekk ma jagħmilx hekk ma jieħux kumpens f'kaΩ li l-prodott ikun abbundanti.

## 32 Allura dan ifisser li issa jkolli ngħaddi l-prodotti tiegħi mill-pitkalija?

Iva, ikun jaqbillek tgħaddi l-prodotti tiegħek mill-pitkalija għax huwa l-uniku mezz ta' kif tikseb kumpens.

## 33 Fil-pitkalija se jdaħħlu sistema ta' grading għall-kwalità tal-ħxejjex u l-frott?

Parti mill-għajnuna li se jagħti l-gvern hija biex il-bidwi jkun mgħejjun jippreΩenta l-prodotti tiegħu aħjar Dan ikun ifisser, li iktar ma l-bidwi jippreΩenta l-prodotti tiegħu skond il-kwalità, iktar għandu ċans iġib prezz tajjeb għal xogħlu. Il-bidwi waħdu jista' jagħmlu dan, imma jekk ikun f'għaqda tal-produtturi, ikollu s-saħħa tal-għaqda warajh u anki tal-liġi. U l-għajnuna li jingħata tkun għalih bi dritt, kemm mill-Gvern Malti u kemm mill-Unjoni Ewropea.

## 34 Se jkun hemm xi ħadd li jiċċekkja kif tkun qed taħdem għaqda tal-produtturi?

DaΩgur Bis-saħħa tal-liġi dwar l-għaqdiet tal-produtturi, id-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd se jkollu spetturi apposta, li jkunu differenti skond il-prodott, biex dawn jiċċekkjaw kif l-għaqda tkun qed taħdem. It-twaqqif ta' għaqda tal-produtturi hija xi ħaġa serja għaliex hemm ħafna flus fin-nofs li parti minnhom huma tal-pubbliku. Per eΩempju jekk għaqda tkun traskurata fit-tagħrif li tiġbor dwar il-prodott tagħha jew iddum ma tagħti t-tagħrif meħtieġ, tista' teħel sa massimu ta' Lm1,000 multa. Għalhekk l-għaqda għandha taħdem bis-serjetà.



## 35 Din is-sistema se tgħodd ukoll għall-kumpens li l-Gvern se jagħti għat-tneħħija tal-levies?

Le. Il-kumpens għat-tneħħija tal-*levies* m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-irtirar ta' prodotti mis-suq. Il-kumpens għat-tneħħija tal-*levies* se jingħata direttament lill-bidwi, kemm jekk hu *full-time* u kemm jekk hu *part-time*, kemm jekk hu membru f'koperattiva jew għaqda tal-prodotturi u kemm jekk mhuwiex.

## 36 Jistgħu l-bdiewa fl-għaqda tagħhom idaħħlu proċessuri jew bejjiegħa ta' l-istess prodott?

Iva u kif. Il-liġi li għamel il-Gvern Malti tgħid li jekk iridu l-bdiewa li per eΩempju jkabbru l-ful, jistgħu mhux biss jingħaqdu bejniethom imma wkoll jissieħbu magħhom lil dawk li jbiegħu l-ful u lil dawk il-kumpaniji li jipproċessaw il-ful għall-bottijiet u l-vaΩetti. Jekk jieħdu din l-inizjattiva, il-bdiewa, il-bejjiegħa u l-industrijalisti jridu jkunu rappreΩentati fl-għaqda. Għaqda bħal din imħallta bejn bdiewa, min jipproċessa u min ibiegħ trid tkun ukoll rikonoxxuta mid-Direttur tal-Biedja jew tas-Sajd skond il-kaΩ Il-fondi tagħha joħorġuhom, parti mill-membri tagħha u parti mill-Gvern. Għaqda mħallta bħal din ukoll tkun tista' tirtira l-prodotti b'kumpens li parti minnu jiġi minn fondi tal-Gvern jew ta' l-Unjoni Ewropea, bħalma tagħmel għaqda tal-bdiewa jew sajjieda waħedhom.

## 37 Barra kumpens biex ikun irtirat prodott mis-suq, il-Gvern se jagħti għajnuna oħra lill-għaqda tal-produtturi?

Iva. Il-liġi tal-għaqdiet tal-produtturi tagħti l-fakultà lill-Ministru tal-Biedja u Sajd biex idaħħal skemi u fondi oħra ħalli l-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda jingħataw flus oħra biex itejbu l-produzzjoni tagħhom.

## 38 Kif tingħata din l-għajnuna?

Il-Gvern se jwaqqaf aġenziji ta'ħlas li xogħolhom ikun li jgħaddu l-flus lill-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda, jaraw x'għandhom bΩonn u jgħinuhom u jispjegawlhom dwar il-kwalità meħtieġa għall-prodotti tagħhom.

## 39 Minn fejn nista' nikseb aktar tagħrif?

Id-Dipartiment tal-Biedja u Sajd għandu nies apposta biex jispjegaw dwar dawn l-għaqdiet tal-produtturi.

Il-Ministeru tal-Biedja u Sajd se jwaqqaf taqsima apposta biex tissorvelja u tagħti pariri tekniċi u amministrattivi dwar l-għaqdiet tal-produtturi. Barra minn hekk, kull min ikun jeħtieġ xi tagħrif dwar dan is-suġġett jista' jċempel fuq in-numru 2122 5236 u jistaqsi għas-Sur David Dandria jew is-Sur Charles D'Alfonso.

Hemm ħafna iktar tagħrif dwar l-għaqdiet tal-produtturi u dwar il-politika komuni li l-UE għandha għall-biedja u s-sajd.

Din l-informazzjoni tista' ġġibha direttament mill-internet, **http://www.europa.eu.int/pol/agr/index_en.htm**

Inkella tista' tikkuntattja lill-MIC fuq **2590 9192**. Uffiċjali tal-MIC jistgħu saħansitra jiltaqgħu miegħek biex jispjegawlek id-dettalji.

# KIF IKUNU KLASSIFIKATI L-PRODOTTI

## 40 Bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-prodotti kollha, fosthom ħxejjex u frott, iridu jkunu ta' ċerta kwalità kif titlob l-UE?

L-Unjoni Ewropea, anki għall-ħxejjex u l-frott frisk fasslet ċerti *standards* jew livelli ta' kwalità biex tassigura li l-konsumatur, jiġifieri dak li jixtri l-prodott, jingħata prodotti tajbin.

Hemm ċerti prodotti, iΩda, li mhumiex marbutin mir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea. Dan jiddependi mill-gvern tal-pajjiΩ jekk jaċċettax li dan isir. Per eΩempju, jekk ikun irid il-gvern, jista' jeΩenta mir-regolamenti ta' l-UE lil dawk il-bdiewa li jkabbru prodott u jbiegħuh huma stess fis-suq lokali. Jistgħu jkunu eΩentati wkoll dawk il-prodotti lokali li jingħataw għall-ippakkjar f'faċilitajiet lokali fl-istess pajjiΩ. Il-gvern, iΩda, jekk jeΩenta dawn il-prodotti mil-livelli tal-UE, irid jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni Ewropea.

Jekk fil-pajjiΩ ikun hawn skarsezza jew abbundanza ta'xi prodott, il-Gvern jista' jneħħi l-obbligu li l-bdiewa jobdu l-livelli ta' kwalità li titlob l-Unjoni Ewropea.

## 41 Il-bottijiet, vaΩetti u boroΩ li jkollhom ħxejjex jew frott ippakkjat, kif iridu jkunu jaqblu ma' dak li titlob l-Unjoni Ewropea?

L-Unjoni Ewropea tesiġi li t-tagħrif dwar il-kwalità tal-prodott

għandu jkun stampat ċar fuq il-pakkett, vaΩett jew bott. Irid ikun hemm miktub ċar il-piΩ nett, jiġifieri l-piΩ tal-prodott fil-bott. Jekk per eΩempju, jkun hemm pakketti li fihom ikollhom prodotti li jistgħu jingħaddu, bħall-bajd, m'hemmx għalfejn jitniΩΩel il-piΩ nett tal-bajd.

## 42 Min jiċċekkja li jinΩammu l-livelli ta' kwalità?

Kull pajjiΩ, anki Malta, irid ikollu awtoritajiet apposta li jiċċekkjaw li tinΩamm il-kwalità. Xogħol dawn l-awtoritajiet huwa li jispezzjonaw il-prodott waqt li jkun qed jiġi ippakkjat qabel ma jitlaq mill-post tal-produzzjoni. Kull gvern irid jgħarraf lill-pajjiΩi l-oħra membri min huma l-awtoritajiet li qed iwettqu dan ix-xogħol.

## 43 Ir-regolamenti dwar il-kwalità jgħoddu biss għal prodotti f'pajjiΩi ta' l-Unjoni Ewropea?

Le. Kull prodott li jkun impurtat minn pajjiΩi li mhumiex membri ta'l-Unjoni Ewropea jrid jobdi r-regolamenti ta' kwalità li tesiġi l-Unjoni Ewropea. Sintendi, l-Unjoni Ewropea tesiġi wkoll li kull prodott li jkun esportat lejn pajjiΩi oħra li mhumiex membri, irid ikun ukoll konformi ma' *standards* ta' l-Unjoni. Id-Dwana hija fid-dmir li tiċċekkja li dawn ir-regolamenti jkunu rispettati.

MALTA-EU INFORMATION CENTRE

It-Tieni Sular, L-Università l-Qadima,
Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 07, Malta

**2590 9192**